

Brussell, 23 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14404/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0331 (NLE)

ECOFIN 1404
UEM 509
FIN 1242
ECB
EIB

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 654 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 12319/21 INIT; ST 12319/21 ADD 1) tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għar-Rumanija

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 654 final.

Mehmuż: COM(2025) 654 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.10.2025
COM(2025) 654 final

2025/0331 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 12319/21 INIT; ST 12319/21 ADD 1) tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għar-Rumanija

{SWD(2025) 342 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 12319/21 INIT; ST 12319/21 ADD 1) tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għar-Rumanija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (recovery and resilience plan, "RRP") mir-Rumanija fil-31 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fid-29 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni ("id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021")². Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2023³.
- (2) Fit-12 ta' Settembru 2025, ir-Rumanija għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex temenda d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, ir-Rumanija ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mir-Rumanija minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 147 miżura.
- (4) Ir-Rumanija spjegat li miżura waħda parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb, minħabba żidiet fil-prezzijiet. Dan jikkonċerna C13.II. Abbażi ta' dan, ir-Rumanija talbet li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>

² Ara d-dokumenti ST 12319/21 INIT; ST 12319/21 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>

³ Ara d-dokumenti ST 15833/23 INIT; ST 15833/23 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>

- (5) Ir-Rumanija spjegat li ħames miżuri parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu, minħabba interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista. Dan jikkonċerna C6.I4; C15.I9; C15.I11; C15.I16; C16.I5. Abbażi ta' dan, ir-Rumanija talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (6) Ir-Rumanija spjegat li 62 miżura parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu, minħabba ċirkostanzi mhux previsti jew dewmien sinifikanti fl-implimentazzjoni lil hinn mill-kontroll tal-Istat Membru, inklużi kwistjonijiet ta' prestazzjoni tal-kuntrattur u impedimenti għall-progress tal-miżuri li għamlu l-ippjanar inizjali mhux fattibbli. Dan jinkludi miżuri li parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu fil-forma attwali tagħhom minħabba nuqqas ta' domanda jew domanda insuffiċjenti. Dan jikkonċerna C1.R2; C1.I1; C1.I2; C1.I4; C1.I5; C2.I1; C2.I2; C2.I3; C2.I4; C3.I1; C3.I2; C3.I3; C4.I1; C4.I2; C4.I3; C5.I1; C5.I2; C5.I4; C6.I2; C6.I3; C7.I3; C7.I4; C7.I9; C8.I1; C8.I3; C8.I4; C8.I5; C8.I7; C8.I10; C9.R1; C9.I4; C10.R5; C10.I2; C10.I4; C11.R1; C11.I1; C11.I2; C11.I4; C11.I5; C11.I6; C11.I7; C12.I1; C12.I2; C13.I2; C13.I4; C14.R4; C14.R6; C14.I4; C15.R2; C15.R4; C15.I1; C15.I2; C15.I3; C15.I4; C15.I6; C15.I8; C15.I10; C15.I13; C15.I14; C15.I17; C15.I18; C16.I7. Abbażi ta' dan, ir-Rumanija talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (7) Ir-Rumanija spjegat li ġew emendati 12-il miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tagħhom. Dan jikkonċerna C5.R1; C6.I5; C8.I8; C8.R1; C9.R2; C9.R4; C9.I2; C9.I3; C9.I5; C14.R5; C15.R7; C16.I4. Abbażi ta' dan, ir-Rumanija talbet li temenda l-miżuri msemmija hawn fuq. Peress li daww iċ-ċirkostanzi jiġġustifikaw emenda tal-miżuri, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata skont dan.
- (8) Ir-Rumanija spjegat li 52 miżura ġew emendati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi ta' daww il-miżuri. Dan jikkonċerna C1.I6; C2.R1; C2.R2; C3.R1; C4.R1; C4.R2; C6.R1; C6.R2; C6.R3; C6.R4; C6.R6; C7.I2; C7.I5; C7.I6; C7.I8; C7.I10; C7.I11; C7.I12; C7.I13; C7.I14; C7.I15; C7.I16; C7.I17; C7.I18; C7.I19; C9.I1; C9.I8; C9.I9; C9.I10; C10.R1; C10.R2; C10.R3; C10.R4; C10.I1; C10.I3; C11.R3; C12.R1; C12.R3; C13.R1; C13.R2; C13.R3; C13.R4; C13.I3; C14.R1; C14.R2; C14.R3; C14.R7; C14.R8; C15.R1; C15.I5; C16.R1; C16.R2. Abbażi ta' dan, ir-Rumanija talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (9) Ir-Rumanija talbet li jitneħħew 15-il miżura minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Dan jikkonċerna C1.I3; C1.I7; C4.I4; C5.I3; C9.I6; C9.I7; C14.I1; C14.I2; C14.I3; C15.I7; C15.I12; C15.I15; C16.I1; C16.I3; C16.I6. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (10) Wara l-emendi għall-miżuri skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241 u t-tnaqqis relatat fl-ispejjeż sottostanti, ir-Rumanija talbet li tuża r-riżorsi liberati bit-nehhija tal-miżuri u t-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom. Abbażi ta' dan, ir-Rumanija talbet li jiżdiedu 20 miżura ġdida: C3.I1a (Kostruzzjoni ta' ċentri volontarji għall-ġbir tal-iskart fil-livell tal-kontea jew fil-livell tal-belt/muniċipalità); C4.I3a (Żieda fis-sostenibbiltà tal-infrastruttura tat-toroq fuq in-network TEN-T, innollijiet tat-toroq, il-ġestjoni tat-traffiku u s-sikurezza fit-toroq); C5.I1a (Stabbiliment ta' fond ta' mewġa ta' rinnovazzjoni biex jiffinanzja xogħlijiet biex tiżdied l-effiċjenza

enerġetika tal-istokk tal-bini eżistenti); C6.I4a (Kapaċitajiet ġodda ta' ħżin tal-elettriku); C6.I5a (L-iżgurar tal-effiċjenza enerġetika fis-settur industrijali); C7.I19a (Skemi għat-titjib tal-ħiliet/għat-taħriġ mill-ġdid tal-impjegati fid-ditti); C8.I11 (Injezzjoni ta' ekwità fil-Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp), C9.R2a (Governanza sistematika tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni); C9.I2.2a (Strumenti finanzjarji għas-settur privat); C9.I3.1a (Skemi ta' għajjuna għas-settur privat); C9.I5a (Stabbiliment ta' Ċentri ta' Kompetenza); C10.I3a (Rinnovazzjoni ta' bini pubbliku għall-appoġġ ta' twassil aħjar ta' servizz pubbliku minn unitajiet territorjali amministrattivi); C11.R3a (Riforma tas-sistema ta' finanzjament għas-settur kulturali); C12.I3 (Sptarjiet pubbliċi); C12.I4 (Modernizzazzjoni tal-kura tas-saħħa ta' emerġenza), C15.I1a (Kostruzzjoni u tagħmir ta' crèches); C15.I10a (Kostruzzjoni tan-network tal-iskejjel ekoloġiċi); C15.I16a (Diġitalizzazzjoni tal-universitajiet u t-tħejjija tagħhom għall-professjonijiet diġitali tal-futur); C16.I4a (Skema ta' Vawċers tal-Għotjiet biex titħaffef l-introduzzjoni tal-enerġija rinnovabbli mill-unitajiet domestiċi); C16.I8 (Kuntratti għall-Allokazzjoni tad-Differenza). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri

- (11) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex tqis l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mir-Rumanija.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (12) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Kontribuzzjoni għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (13) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c), u mal-Anness V, il-kriterju 2.3, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa mistenni li jkollu impatt għoli (klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tar-Rumanija, filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u fuq il-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni.
- (14) L-emendi għall-kontribut għar-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali huma relatati mal-allokazzjoni għall-miżuri l-ġodda C8.I11 (Injezzjoni ta' ekwità fil-Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp) u C12.I4 (Modernizzazzjoni tal-kura tas-saħħa ta' emerġenza), b'mod partikolari billi jiġu inklużi miżuri li jappoġġaw il-potenzjal tat-tkabbir billi jiġi aġġustat strutturalment il-livell ta' appoġġ pubbliku disponibbli biex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq u, rispettivament, miżuri li jappoġġaw ir-reżiljenza tas-saħħa billi jimmodernizzaw il-kura tas-saħħa ta' emerġenza.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluż il-bijodiversità

- (15) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 40.6 % tal-allokazzjoni totali tal-

RRP emendat u 97.6 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021–2030.

- (16) L-emendi għall-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika huma relatati mal-emendi ta' 39 miżura C1.I4, C1.I5, C2.I1, C2.I2, C2.I3, C3.I1, C3.I2, C3.I3, C4.I1, C4.I2, C4.I3, C4.I4, C5.I1, C5.I3, C6.I2, C6.I3, C6.I4, C6.I5, C9.I2, C10.I1, C10.I2, C10.I3, C11.I2, C11.I4, C12.I1, C12.I2, C13.I1, C13.I2, C15.I1, C15.I6, C15.I7, C15.I10, C15.I12, C15.I17, C16.I1, C16.I3, C16.I4, C16.I5, C16.I7. B'mod ġenerali, minħabba l-kontenut differenti ta' tikkettar klimatiku tal-miżura miżjuda u l-miżuri mnaqqsa, l-emendi għall-RRP tar-Rumanija jnvolvutnaqqis nett fil-kontribut ġenerali għall-mira klimatika tal-RRP b' 3.5 % punti sa 40.61 % minn 44.1 %. Il-miżuri relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, fl-RRP emendat, inkluż il-kapitolu REPowerEU, għandhom impatt dejjiemi peress li l-miżuri għandhom l-għan ta' bidliet strutturali biex inaqqsu d-dipendenza ġenerali tar-Rumanija fuq il-fjuwils fossili u biex iżidu l-iffrankar tal-enerġija billi jaqilbu għal teknoloġiji ekoloġiċi, b'mod partikolari dawk relatati mas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u l-promozzjoni ta' prattiki sostenibbli f'diversi setturi. B'riżultat ta' dan, jikkontribwixxu wkoll biex jintlaħqu l-miri għall-2030–2050 u l-oġġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050. L-ambitu limitat ta' dawn l-emendi ma jbidilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (17) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-bieċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 21.30 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (18) L-emendi għall-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali huma relatati mat-tnaqqis fl-allokazzjoni għal 29 miżura C1.I4, C1.I7, C3.I1, C3.I3, C4.I1, C4.I2, C4.I3, C6.I4, C7.I3, C7.I4, C7.I5, C7.I8, C7.I9, C7.I15, C7.I17, C7.I18, C7.I19, C9.I2, C9.I3, C10.I2, C10.I4, C11.I1, C12.I2, C15.I2, C15.I4, C15.I6, C15.I13, C15.I14, C16.I5. B'mod ġenerali, minħabba l-kontenut differenti ta' tikkettar diġitali tal-miżura miżjuda u l-miżuri mnaqqsa, l-emendi għall-RRP tar-Rumanija jnvolvutnaqqis nett fil-kontribut ġenerali għall-mira diġitali tal-RRP b'0.5 % punti sa 21.3 % minn 21.8 %. L-ambitu limitat ta' dawn l-emendi ma jbidilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju.

Kontribuzzjoni għall-oġġettivi tar-REPowerEU

- (19) F'konformità mal-Artikolu 19(3) (da) u mal-Anness V, il-kriterju 2.12 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-bieċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.
- (20) L-emendi għall-kontribut għall-oġġettivi tar-REPowerEU huma relatati mal-allokazzjoni għall-miżura l-ġdida C16.I8 (Kuntratti għall-allokazzjoni tad-Differenza), billi jiġu inklużi investimenti li jappoġġaw proġetti ta' ġenerazzjoni tal-elettriku

rinnovabbli, li jinċentivaw l-użu rapidu ta' teknoloġiji tal-enerġija nadifa u jnaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili.

Il-kalkolu tal-ispiża

- (21) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (22) Skont l-informazzjoni pprovduta, il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet għall-miżuri l-ġodda u għall-miżuri eżistenti li l-modifiki tagħhom kienu jinvolvu valutazzjoni ġdida tal-kostijiet turi li l-biċċa l-kbira tal-kostijiet huma raġonevoli u plawżibbli. Fi ftit każijiet biss, id-dettalji dwar il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet użati biex isiru l-istimi tal-kostijiet kienu limitati, parzjalment minħabba n-novità tal-miżuri. Dan jipprekludi klassifikazzjoni A għal dan il-kriterju ta' valutazzjoni. Barra minn hekk, il-bidliet fl-istimi tal-kostijiet għall-miżuri modifikati l-oħra kienu ġġustifikati, proporzjonali għall-miri riveduti l-ġodda u appoġġati minn kalkoli u evidenza dettaljati, u bħala tali r-raġonevolezza u l-plawżibbiltà ta' dawn l-istimi tal-kostijiet ma nbidlux meta mqabbla mal-RRP oriġinali. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (23) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mir-Rumanija ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għar-Rumanija rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (d), (db), (g), (h), (j) u (k).

Valutazzjoni pożittiva

- (24) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.
- (25) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-proċeduri relatati mad-distorsjonijiet tal-operat tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dan ma jannullax ir-rekwiżit li l-Istati Membri jimplimentaw il-miżuri f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali u, b'mod partikolari, li jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (26) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tar-Rumanija huma ta' EUR 21 410 527 593. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa oġġla mill-

kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għar-Rumanija⁴, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat tar-Rumanija jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 13 566 055 514. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għar-Rumanija tibqa' l-istess.

Għoti ta' self

- (27) Sabiex jiġu appoġġati riformi u investimenti addizzjonali, sar disponibbli appoġġ totali fil-forma ta' self ta' EUR 14 931 380 419 għar-Rumanija permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021. Wara t-tneħħija jew it-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni ta' C1.I1; C1.I2; C1.I3; C1.I4a; C1.I7; C2.I4a; C3.I2; C4.I3; C4.I4; C5.I1; C5.I3; C6.I2; C6.I3; C6.I4; C7.I18; C9.I2a; C9.I6; C9.I7; C10.I2; C10.I3; C10.I4; C11.I1; C15.I13; C15.I15; C15.I17; C16.I6 skont l-Artikolu 21 tar-Regolament 2021/241, ir-Rumanija talbet li tuża parti mir-riżorsi ta' self liberati biex tappoġġa miżuri ġodda jew biex iżżid il-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri eżistenti fi ħdan l-RRP. L-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP huwa inqas mill-kontribuzzjoni finanzjarja kkombinata disponibbli għar-Rumanija u l-appoġġ fil-forma ta' self li kien sar disponibbli għar-Rumanija permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021. Għalhekk, l-appoġġ totali fil-forma ta' self disponibbli għar-Rumanija jenħtieġ li jitnaqqas għal EUR 7 844 472 079.
- (28) L-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja għar-Rumanija jenħtieġ li jiġi ddeterminat f'din id-deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-ammont tas-self jenħtieġ li jiġi stabbilit f'din id-deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 20(5), il-punt (h) tar-Regolament (UE) 2021/241. Madankollu, skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2024 dwar it-tnaqqis tal-ammont tat-tieni pagament parzjali tal-appoġġ fil-forma ta' self għar-Rumanija, adottata f'konformità mal-Artikolu 24(8) tar-Regolament (UE) 2021/241, is-self tnaqqas b'EUR 10 772 581 u r-Rumanija ma tistax titlob l-iżborż tiegħu mill-Kummissjoni.
- (29) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 jenħtieġ għalhekk li tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tar-Rumanija abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

Artikolu 2
Emendi

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għar-Rumanija hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tar-Rumanija self li jammonta għal massimu ta' EUR 7 844 472 079”;

(2) l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għar-Rumanija huwa sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President